# QORTI ĊIVILI PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF TONI ABELA LL.D.

### Seduta ta' nhar il-Ħamis, 16 ta' Settembru, 2021

**Numru 4**

**Rikors Numru 797/19TA**

**Anthony Valvo [K.I. 737555M] bhala stralcarju tal-kumpannija 13casa.com Limited [C-59165]**

**vs**

**Maiora Holding S.r.l. [Nru. Reg. 04826320287] u Valdero Rigoni [Passaport Taljan Nru. F242582]**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ġuramentat tal-14 ta' Awwissu 2019 ta' Anthony Valvo bħala stralċjarju tal-kumpanija 13casa.com Limited (l-Attur nominee) li permezz tiegħu ppremetta u talab is-segwenti:

"1. Illi permezz ta' kuntratt ta' self datat disgha (9) ta' Lulju 2014 (ara kuntratt anness u mmarkat '**DOK A**'), il-kumpannija 13casa.com Limited kienet sellfet lill-kumpanija intimata ammont ta' disghin elf Ewro (€90,000), liema ammont kellu jithallas sa Dicembru 2016;

2. Illi permezz ta' ftehim datat tmienja u ghoxrin (28) ta' Dicembru 2016 (ara estensjoni annessa u mmarkata '**DOK B**'), 13casa.com Limited u l-kumpannija intimata ftiehmu illi jgeddu t-terminu msemmi sal-ahhar

ta' Novembru 2017, b'dan illi l-hlas lura tas-self kellu jsiru permezz ta' tliet pagamenti:

- Ghoxrin elf Ewro (€20,000) sal-31 ta' Mejju 2017;
- Ghoxrin elf Ewro (€20,000) sat-30 ta' Settembru 2017; u
- Hamsin elf Ewro (€50,000) sat-30 ta' Novembru 2017;

3. Illi permezz ta' att ta' garanzija datat wiehed u tletin (31) ta' Jannar 2017 (ara att anness u mmarkat '**DOK C**'), l-intimat Valdero Rigoni obbliga ruhu bhala garanti in solidum mal-kumpannija intimata illi taghha kien hemm direttur u azzjonist ghall-hlas lura tas-self mghoddi minghand 13casa.com Limited.

4. Illi minkejja illi skadew it-termini kollha sucitati u nonostante d-diversi interpellazzjonijiet ghall-hlas lura tas-self maghmula minn 13casa.com Limited lill-intimati, dawn tal-ahhar baqghu inadempjenti.

Ghaldaqstant, in vista tas-suespost, ir-rikorrent nomine umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha:

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi l-intimati flimkien u in solidum bejniethom huma debituri tal-kumpannija 13casa.com Limited fis-somma ta' disghin elf Ewro (€90,000) rapprezentanti self mghoddi mill-kumpannija 13casa.com Limited lill-kumpannija intimata permezz tal-kuntratt ta' self tad-9 ta' Lulju 2014, kif konsegwentement imgedded permezz tal-ftehim tat-28 ta' Dicembru 2016 u l-att tal-31 ta' Jannar 2017;

2. Tikkundanna lill-intimati jhallsu flimkien u in solidum bejniethom lill-kumpannija rikorrenti s-somma premessa.

Bl-ispejjez u l-imghax kif applikabbli.

L-intimati huma minn issa ingunti ghas-subizzjoni taghhom."

Rat li kemm is-Soċjeta' Maiora Holding S.r.l u Valdero Rigoni debitament notifikati bil-mezz tar-regolament 1393/2007 baqgħu ma għamlu ebda tweġiba;

Rat id-dokumenti u atti tal-Kawża;

Rat ix-xhieda ta' Walter Cutajar prodott mill-Attur nominee;

Rat li l-konvenuti konċessi li jagħmlu nota ta' sottomissjonijiet ai termini tal-artikolu 158(1) tal-Kap 12 tal-liġijiet ta' Malta baqgħu ma għamlu xejn;

Rat li -Kawża tħalliet għal-lum għas-Sentenza.

**Konsiderazzjonijiet**

**1.** Jibda biex jingħad li l-Konvenuti huma kontumaċi. Iżda dan ma jfissirx b'daqshekk li din il-Qorti għandha tilqa' t-talbiet attriċi b'għamad. Il-Qrati tagħna dejjem ammettew li l-kontumaċja fiha innifisha hija kontestazzjoni. **Il-Qorti tal-Appell (Inferjuri) fis-Sentenza fl-ismijiet Fenici Insurance Agency Ltd noe -vs- Paul Stoner et** qalet: "*Del resto, kif bosta drabi rimarkat, il-kontumacja wahidha ma kellhiex titqies bhala ammissjoni tat-talba tal-attur da parti tal-konvenut izda kontestazzjoni tal-istess. Gie rilevat fid-decizjoni a Vol XXIX pIII p35 illi "ghalkemm il-konvenut jibqa' kontumaci dana ma jfissirx illi huwa abbanduna kull eccezzjoni li seta' jaghti fil-kawza u ammetta d-domandi. Il-gudikant ghandu jezamina jekk it-talba hiex gustifikata indipendentement mill-kontumacja tal-konvenuti".*

**2.** Indipendentement mill-fatt li l-konvenut jaqa' fi stat ta' kontumaċja, dan ma jiddispensax lill-Attur mill-piż tal-prova. Jibqgħu japplikaw il-prinċipji kollha probatorji daqs li kieku l-Kawża tkun ġiet kontestata skont il-liġi b'risposta ġuramentata. Il-Kontumaċja ma hiex ammissjoni.

**3.** Sa fejn jirrigwarda kemm kontra s-Soċjeta' Attriċi u anke fil-konfront, senjatament għall-ftehim tad-9 ta' Lulju 2014 u dak tat-28 ta' Diċembru 2016. Wara li eżaminat l-atti, dokumenti u provi kollha imressqa din il-Qorti ma ssib ebda problema biex tgħid li t-talbiet attriċi ġew ipprovati fil-konfront taż-żewġ konvenuti. Huwa minnu li fil-każ tal-konvenut Valdero Rigoni, il-ftehim tal-31 ta' Jannar 2017, fi klawsola 7 jipprovdi li disputes għandhom ikunu risolti b'arbitraġġ. Pero' dan il-konvenut għażel li mhux biss li ma jweġibx iżda lanqas li jidher fis-seduta ta' wara li ġew hekk notifikati l-iskritturi tal-Kawża. Dan qiegħed jingħad għaliex artikolu 15(3) tal-Kap 387 tal-liġijiet ta' Malta jiddisponi is-segwenti:

*(3) Minkejja kull dispożizzjoni li hemm fil-Kodiċi ta'Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili jekk parti fi ftehim ta'arbitraġġ, jew xi persuna li tagħmel it-talba permezz jew bis-setgħa tal-parti, tibda xi proċedimenti legali f'qorti kontra kull parti oħrafil-ftehim ta' arbitraġġ jew xi persuna li tagħmel it-talba permezzjew bis-setgħa ta' dik il-parti, dwar kull ħaġa miftehma li tiġiriferita għall-arbitraġġ, kull parti f'dawk il-proċedimenti legali tista' f'kull żmien qabel ma tressaq xi eċċezzjonijiet jew tmexxi mod ieħor fil-proċedimenti, titlob lil dik il-qorti li twaqqaf il-proċedimenti, u dik il-qorti jew imħallef tagħha, kemm-il darba ma jkunx sodisfatt li l-ftehim ta' arbitraġġ ikun sar inoperattiv jew ma jistax jitkompla, għandha tordna li jitwaqqfu l-proċedimenti. Rikors jista' jsir minkejja li l-kwistjoni għandha tiġi riferita lill-arbitraġġ biss wara li jiġu eżawriti proċeduri oħra ta' riżoluzzjoni ta' kwistjonijiet.*

**4.** Dan ifisser li l-konvenut seta', kieku ried, jiċħad il-kompetenza ta' din il-Qorti. Bl-inattivita' tiegħu rrinunzja għal dan id-dritt, partikolarment għax jinsab fi stat ta' kontumaċja. Di piu' hawn si tratta ta' att kummerċjali, għalhekk il-konvenut qua garanti tas-Soċjeta' kummerċjali, ma jistax jevita l-effetti tal-artikolu115 (2) tal-Kap 13 tal-liġijiet ta' Malta inkwantu jirrigwarda s-solidarjeta'.

**Decide**

Għaldaqstant għar-raġunijiet fuq premessi din il-Qorti qed taqta' u tiddeċiedi l-Kawża bil-mod segwenti:

**Tilqa' l-ewwel talba** u tikkundanna solidalment bejniethom debituri tal-kumpannija 13casa.com Limited fis-somma ta' disgħin elf Ewro (€90,000) rappreżentanti self mgħoddi mill-kumpannija 13casa.com Limited lill-kumpannija intimata permezz tal-kuntratt ta' self tad-9 ta' Lulju 2014, kif konsegwentement imġedded permezz tal-ftehim tat-28 ta' Diċembru 2016 u l-att tal-31 ta' Jannar 2017.

**Tilqa' it-tieni talba** u tikkundanna lill-konvenuti sabiex flimkien u in solidum bejniethom jħallsu lis-Soċjeta' Attriċi s-somma ta' disgħin elf Ewro (€90,000) bl-imgħaxijiet legali b'effett mill-14 ta' Awwissu 2019 sal-pagament effettiv.

Spejjes tal-Kawża għall-konvenuti.

**Imħallef Toni Abela**

**Deputat Reġistratur**